GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/28*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 26 ta' Awwissu 2010 fit-8.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**1. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 27. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux emendi u għalhekk dawn ġew mehuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse**
L-aħħar seduta fuq l-appell li qed iressaq is-Sur Mario Bugeja fuq il-kuntratti tat-tindif tat-toroq u fuq il-ġbir ta' skart goff, inżammet nhar il-Ħamis 15 ta' Lulju 2010 fil-11.00a.m.
Il-minuti ta' din il-laqgħa għad ma ġewx ippublikati u lanqas intbagħtu f'dan il-Kunsill jew intbagħtu lill-Avukat tal-Kunsill.
F'dik il-laqgħa, l-Bord kien iddeċieda li fix-xahar ta' Awwissu ma jsirux laqgħat u li s-seduta li jmiss tkun appuntata f'Settembru f'ġurnata li għandha tkun iffissata bejn il-partijiet.
**2. Tneħħija tas-Siġar minn Triq il-Fanal**
Il-Kunsill għandu jressaq applikazzjoni quddiem il-MEPA ħalli jinqalgħu dawn is-siġar u wara tinħareġ kwotazzjoni ħalli jinqatgħu u tinbena l-bankina mill-ġdid.
L-applikazzjoni għandha titressaq skond struzzjonijiet kif mogħtija mid-Dip. Gvern Lokali.
**3. Laqgħat ma' Kumpanija ta l-Enerġija Alternattiva**
Kif kien ippjanat, rappreżentanti minn Kumpanija għall-Enerġija Alternattiva mill-Awstrija, għamlu żjara f'Għawdex u propju kienu nvoluti direttament ma' dan il-Kunsill Lokali fuq investimenti li jistgħu jsiru f'pajjiżna f'dan il-qasam.

Is-Sindku s-Sur Andrew Vella kien involut direttament biex jinżamm il-programm ta' laqgħat kemm dawn ir-rappreżentanti jdumu Għawdex.
Fil-fatt, nhar il-Ħamis 19 ta' Awwissu 2010, inżammet laqgħa ma' l-Onor. Dr Chris Said fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Id-diskussjonijiet kienu jinvolvu filli l-esperti preżenti wrew l-benfiċċji mill-enerġija alternattiva speċjalment mill-"Wind Farms" fejn żgur igawdu ħafna kull raħal li hawn fil-pajjiż. L-istess kumpanija qed toffri wkoll pannelli solari għar-residenzi bi prezzijiet vantaġġjużi ħafna għalkemm l-użu tal-enerġija mir-riħ hi preferita.
Wara l-laqgħa, d-delegazzjoni ttieħdet fuq żjara f'partijiet mix-xtut tagħna fejn jidher li hu vantaġġjuż ħafna li jkunu stabbilit t-turbini tar-riħ.
Fl-istess ġurnata filgħaxija fil-preżenza tas-Sur Andrew Vella, id-delegazzjoni kellha laqgħa ma' uffiċċjali mill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u Ambjentali fejn tressqu l-porposti kollha.
L-għada, l-Kunsill tagħna żamm laqgħa fejn kienu mistiedna s-Sindki kollha ta' Għawdex, rappreżentanti tal-NGO's u uffiċċjali mill-Ministeru għal Għawdex.
Waqt dawn il-laqgħat, d-delegazzjoni ntrabtet li tibgħat rapport dettaljat ta' kif hu maħsub li jista' jitfassal dan il-proġett.

## IV. Korrispondenza

i. L-AKL bagħtet tinforma li s-Sur Paul Buttigieg, Sindku tal-Qala kien maħtur bħala Viċi President tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex.

ii. Kopja ta' applikazzjoni quddiem il-MEPA biex jinbnew stalel fi Triq l-Għarb.

iii. Mill-Uffiċċju ta' l-Onor. Dr Chris Said intbagħtet stedina lis-Sindku biex jattendi għal Konferenza Stampa li kellha tinżamm nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2010 fil-11.00 ta' filgħodu fil-Playing Field fi Triq Wenzu Mintoff f'Kerċem.

## V. Mozzjonijiet

### 1. Attivitajiet għal Jum l-Għasri

L-attivitajiet konnessi maċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Għasri għal din is-sena se jinżammu nhar is-Sibt 25 ta' Settembru minflok fil-ġurnata propja tagħha fit-28 ta' Settembru li taħbat it-Tlieta. Il-Kunsill iddeċieda li tinżamm is-Sibt sabiex il-pubbliku jkun jista' jattendi aktar.
Għal din l-okkażjoni se tinżamm quddiesa ta' ringrazzjament bil-parteċipazzjoni tal-kor lokali. Wara se tinżamm attivita kulturali u soċjali ħdejn il-knisja.
L-attivita se tkun taħt id-direzzjoni tas-Sur Ġorġ Mizzi. Il-programm se jibda billi jieħdu sehem kantanti żgħar lokali u minn lokalitajiet oħra.
Wara, għandha tittella "musical" bl-isem "Annie" fejn se jieħdu sehem tfal li kienu jattendu l-programm ta' Skola-Sajf li nżamm fil-Kunsill u se jkun hemm ukoll studenti oħra li jattendu l-iskola tad-Drama fin-Nadur.
Għandu jintbagħat fuljett ta' nformazzjoni lill-pubbliku u jkunu ordnati l-affarijiet bżonnjużi biex tittella' s-serata.

## VI Materji Ohra

### 1. Laqgħa ma' l-Onor. Dr Chris Said

Nhar il-Ħamis 19 ta' Awwissu 2010 inżammet laqgħa ta' diskussjoni u tagħrif ma' l-Onor. Dr Chris Said fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.
Waqt din il-laqgħa ġie diskuss prinċipalment kif tista' kemm il-lokalita tagħna kif ukoll il-pajjiż kollu speċjalment Għawdex igawdi u jagħmel użu mill-enerġija solari u mir-riħ permezz ta' inizjattiva kummerċjali minn kumpanija mill-Awstrija li ġiet hawnhekk wara diskussjonijiet ma' dan il-Kunsill Loklai.
Fl-istess laqgħa, kienu diskussi wkoll il-proġetti li għadu kif wettaq il-Kunsill.

**2. Talba għal "Reserved Parking"**
Il-proċedura dwar l-applikazzjoni għal parkeġġ riservat fi Triq il-Maxrabija għadhom għaddejjin. Il-Kunsill kien wera li jaqbel ma' din l-applikazzjoni peress li kienet qed titressaq minn persuna bi bżonnijiet speċjali.
Il-Kunsill kien issuġġerixxa li din l-applikazzjoni għandha tintlaqa'.

**4. Ħmieġ ħdejn il-"Bins" tas-Separazzjoni ta' Skart**
Il-Kunsill innota li fil-viċinanza tal-"Bins" tas-separazzjoni tal-iskart qed ikun hemm ħafna ħmieġ li qed jakkumula minħabba li jitqegħdu boroz bi skart fil-post.
Għandu jitressaq ilment fuq dan lill-kumpanija Green MT li hi responsabbli mit-tmexxija ta' dawn is-siti.

**5. Ktejjeb dwar il-Protokol**
Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadu kemm bagħat ħames kotba li jittrattaw dwar il-protokol lokali u reġjonali.
Ingħatat kopja ta' dan il-ktejjeb lil kull Kunsillier.

**6. Rampa f'Wied Sara**
Bidwi li għandu l-egħlieqi fil-wied ma' Triq Wied Sara qed jitlob lill-Kunsill biex jingħata l-konkos ħalli jkun jista' jagħmel rampa għal ġo l-egħlieqi.
Din it-talba kienet aċċettata mill-Kunsill.

**7. Bini ta' Ħajt**
Bidwi ieħor li għandu l-għalqa ħdejn il-wied fi Triq Wied il-Għasri qed jitlob li jinbena l-ħajt ta' l-għalqa tiegħu li kien waqa' bix-xita.
Din it-talba ġiet aċċettata wkoll mill-Kunsill.

**8. Skema "Xogħol fil-Komunita"**
L-ETC bagħtet tinforma lill-Kunsill li t-tlett ħaddiema li s'issa kienu assenjati ma' dan il-Kunsill, minn nhar it-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010 se jkunu assenjati ma' Kunsilli oħra.

**9. Tariffi lill-Korporazzjoni Enemalta**
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsilli li wara laqgħat li nżammu ma' rappreżentanti mill-Korporazzjoni Enemalta kien deċiż li l-ħlas dovut lill-istess korporazzjoni dwar l-użu tal-"mapping services", għandu jibqa' €100 kull sena kif kien kull sena s'issa.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Settembru 2010 fit-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________